

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

19.5.2008

0048/2008

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Anna Záborská, Bernd Posselt, Francis Wurtz, Zita Gurmai, Marian Harkin

dwar il-multilingwiżmu, element fundamentali tad-demokrazija u t-trasparenza għas-servizz taċ-ċittadini fl-Istati Membri

Data ta' skadenza: 25.9.2008

0048/2008

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-multilingwiżmu, element fundamentali tad-demokrazija u t-trasparenza għas-servizz taċ-ċittadini fl-Istati Membri

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 21, 290 u 314 tat-Trattat,
 - wara li kkunsidra r-Regolament nru 1 tal-Kunsill tal-15 ta' april 1958,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 138 u 173 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni taħdem bil-lingwi nazzjonali kollha u mhux b'lingwa waħda jew b'xi lingwi li tkun għażlet u li biċċa kbira taċ-ċittadini tagħha jistgħu ma jkunux jifhmu,
- B. waqt li josserva li t-traduzzjoni tad-dokumenti leġislattivi, politiċi u amministrattivi tippermetti li l-Unjoni taqdi l-obbligi legali tagħha,
- C. billi r-reġim tal-multilingwiżmu jikkontribwixxi biex jitjiebu t-trasparenza, il-leġittimità u l-effikaċja ta' l-Unjoni,
- D. waqt li hu konvint li l-limiti imposti mir-reġim tal-multilingwiżmu jqanqlu b'mod pożittiv il-ħidma b'mod aktar konċiż u fi żmien l-iskadenzi imposti,
- E. waqt li qed iħejji l-elezzjonijiet Ewropej tax-xahar ta' Ġunju 2009,
1. Jitlob li, fis-sena finanzjarja 2009 tal-baġit Komunitarju, jiġu previsti r-riżorsi meħtieġa biex jimtela n-nuqqas ta' postijiet għal uffiċjali lingwisti ta' l-istituzzjonijiet;
 2. Jitlob lill-istituzzjonijiet biex jittraduċu fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni d-dokumenti leġislattivi, politiċi u amministrattivi kollha ta' din il-leġislatura bla dewmien biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jsewgu l-ħidmiet politiċi ta' l-istituzzjonijiet kollha;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti nazzjonali.